# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 173/2023 GG**

**Konrad Grech (ID 59773M) ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta KPMG**

**vs.**

**Air X Charter Limited (C59616)**

Illum 23 ta' Marzu 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Mahluf ta' Konrad Grech nomine ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Frar, 2023 li bih, wara li ppremetta illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lid-ditta attriċi s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u sitta u disghin Ewro (€21, 796) rapprezentanti bilanċ mhux imhallas ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta, kif jirrizulta mill-istatement anness bhala Dok. A kif ukoll illi  dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u ghalkemm interpelatta, anke uffiċjalment, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti,  li m'ghandhiex eċċezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti

mill-ligi sabiex it-talbiet tal-attur nomine jkunu jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) talab lil din il-Qorti:

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili; u

(2) Tikkundanna lis-socjeta′ konvenuta thallas lill-attur nomine rikorrenti s-somma minnha dovuta ta′ wiehed u ghoxrin elf, seba′ mija u sitta u disghin Ewro (€21,796) liema somma tirrapreżenta bilanċ mhux imhallas ta′ servizzi rezi lis-socjeta′ konvenuta, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness bhala Dok. A.

Bl-ispejjez inklużi dawk tal-mandat ta′ sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, l-ittra uffiċjali datata 15 ta′ Gunju 2022 u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta′ Jannar 2020 ′l quddiem kontra s-socjeta′ konvenuta li r-rappresentanti ġudizzjarji taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta′ Frar, 2023 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta′ Marzu, 2023 fl-10:00 b′ordni lis-socjeta′ konvenuta biex tidher f′dak il-jum u twiegeb ghat-talba tas-socjeta′ attrici u li fin-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih il-kawza billi tilqa′ t-talba tas-socjeta′ attrici, kif ukoll

ordnat n-notifika tar-Rikors Mahluf u tal-Avviz tas-smigh tal-kawza lill-partijiet;

Rat illi s-socjeta' Air Charter X Limited kienet debitament notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz ta' smigh skond ir-riferta' tal-Marixxall tal-Qorti tat-28 ta' Frar, 2023;

Rat illi minkejja d-debita notifika tal-avviz ta' smigh, s-socjeta' intimata baqghet ma deheritx ghall-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2023 sabiex tgharraf lill-Qorti jekk kellhiex xi eccezzjonijiet validi xi tressaq sabiex tikkontesta t-talbiet ghal-hlas imressqa mir-rikorrenti wisq anqas ipprezentat nota fir-registru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 sabiex tattakka l-procedura intentata bhala wahda mhux regolari jew li ma tghoddx ghal kaz;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi permezz ta' dikjarazzjoni mahlufa mar-rikors promutur, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lid-ditta attrici s-somma ta' €21,796.00 rapprezentanti bilanc li ghadu mhux imhallas *qua* servizzi minnha rezi lill-istess socjeta' konvenuta. Flimkien ma' din id-dikjarazzjoni, kien anness *statement* mahrug mis-socjeta' attrici fl-ammont appena msemmi. Dan l-*istatement* ghandu d-data tad-9 ta' Gunju 2022 u minkejja li kienet interpellata thallas, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

2. Illi l-istess rapprezentant xehed bil-gurament quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2023 u kkonferma li l-ammont ghadu

dovut kif ukoll li ma saret ebda komunikazzjoni mis-socjeta' konvenuta wara li kienet intavolata l-kawza odjerna;

3. Illi s-socjeta' intimata qed titqies bhala kontumaci bin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-pretensjonijiet tar-rikorrent liema pretensjonijiet huma sodisfacentement pruvati quddiem din il-Qorti fl-ammont ta' €21,796.00;

4. Illi kwantu t-talba ghall-kundanna u hlas tal-imghax, r-rikorrenti ma ressaq ebda prova ta' interpellanza permezz ta' att gudizzjarju u ghalhekk huwa r-rikors promutur li ghandu jitqies bhala l-att gudizzjarju rikjest mil-ligi u fil-kaz odjern id-data tan-notifika ghandha titiqies bhala d-data li fiha is-socjeta' intimata kienet interpellata sabiex thallas l-ammont pretiz;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smiegh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrenti u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lis-socjeta' Air X Charter Limited thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro 21,796.00 bl-imghax bit-8 fil-mija fis-sena li jibda jiddekorri mid-

data tan-notifika tar-rikors maħluf, jiġifieri mit-28 ta' Frar, 2023 sad-data tal-ħlas effettiv kif ukoll bl-ispejjeż kif indikati fir-rikors maħluf;

**Tordna** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proceduri jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' intimata.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Christopher Camilleri
Deputat Reġistratur